VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 29 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

### It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts – M.A.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

**L-Oqsma ta' Studju**

3. Il-Bord għandu joffri l-Kors fl-oqsma ta' studju li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Fakultà. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' studju u l-mod ta' studju kif se jkunu offruti qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. L-applikanti jkunu meħtieġa jindikaw l-għażla tal-qasam u l-mod ta' studju tagħhom fiż-żmien tal-applikazzjoni.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

4. Suġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fl-ordinament 5, il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar fl-istess qasam jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mal-qasam ta' studju li qegħdin japplikaw għalih; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub fl-istess qasam jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib ma' dak li qegħdin japplikaw għalih, b'marka medja ta' mill-anqas 65% f'dak il-qasam ta' studju, jew kwalifiki simili meqjusin mill-Bord bħala rilevanti għall-qasam magħżul għall-Kors; jew

(ċ) grad minn din jew minn università oħra li l-Bord iqis li huwa komparabbli għal xi wieħed mill-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

**Il-Programm Preparatorju**

5. (1) L-applikanti li qegħdin japplikaw skont it-termini tal-paragrafi (b) u (ċ) tal-ordinament 4 jistgħu jkunu meħtieġa li jsegwu programm preparatorju kif speċifikat mill-Bord. Il-programm preparatorju għandu jinkludi taqsimiet studju sinottiċi fil-qasam ta' studju kkonċernat, u jista' jinkludi wkoll taqsimiet studju li huma mfassla biex iħarrġu lill-istudenti fil-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu xogħol ta' riċerka.

(2) Waqt il-programm preparatorju l-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw għal numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu u mhux aktar minn 60 krettu.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom għall-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**Id-Dħul fil-Kors**

6. L-applikanti li jixtiequ japplikaw għall-Grad prinċipalment bir-riċerka, għandhom jindikaw it-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għad-dħul. L-applikazzjoni għandha tinkludi proposta ta' riċerka kif ukoll dikjarazzjoni mill-kap tad-dipartiment konċernat li għandhom it-taħriġ, l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa għal-linja ta' studju u r-riċerka proposta.

**It-Tul tal-Kors**

7. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm ta' Studju**

8. Il-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju offrut fil-Kors jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka. Il-Bord għandu jindika qabel il-bidu ta' kull Kors liema oqsma ta' studju jistgħu jittieħdu bir-riċerka biss u liema jistgħu jittieħdu permezz ta' taqsimiet studju mgħallma u bir-riċerka. Il-Bord għandu jindika wkoll l-oqsma ta' studju offruti fil-korsijiet fuq bażi *full-time* u *part-time*.

9. (1) Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma għandhom jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 krettu.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti.

10. Il-programmi prinċipalment bir-riċerka għandhom jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 10 kretti u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 80 krettu.

11. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

12. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jsegwu l-programm ta' studju prinċipalment mgħallem li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

**Id-Dissertazzjonijiet**

13. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni ta' massimu ta' 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir primarjament waqt it-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti jkunu assenjati superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) L-istudenti li qegħdin isegwu l-programm prinċipalment mgħallem għandhom jissottomettu t-titolu provviżorju tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għall-approvazzjoni tal-Bord mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

**Il-Programmi ta' Studju bir-Riċerka**

14. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni ta' massimu ta' 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta. L-istudenti jkunu assenjati superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titolu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata ta' riċerka għandhom ikunu sottomessi mill-ġdid għall-approvazzjoni tal-Bord wara li l-istudenti jkunu temmew it-taqsimiet studju obbligatorji.

**Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjonijiet**

15. (1) Fil-każijiet kollha, l-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Għall-istudenti li qegħdin isegwu l-programm prinċipalment mgħallem, is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom kif applikabbli.

(3) Għall-istudenti li qegħdin isegwu l-programm prinċipalment bir-riċerka, is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*.

(4) Ir-rapporti meħtieġa skont il-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-ordinament jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

16. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

17. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

**It-Tħassir**

18. l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 402 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2011, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 29 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Bye-Laws of 2012 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts – M.A. - under the auspices of the Faculty of Media and Knowledge Sciences**

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Media and Knowledge Sciences in virtue of the powers conferred upon it by article 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by article 81 (2) of the said Act:

**Citation and Interpretation**

1. (1) These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Master of Arts – M.A. - offered under the auspices of the Faculty of Media and Knowledge Sciences.

(2) In these bye-laws, unless the context otherwise requires –

“the Board” means the Board of the Faculty of Media and Knowledge Sciences;

“the Course” means the programme of study leading to the degree of Master of Arts – M.A.;

“the Degree” means the degree of Master of Arts – M.A.;

“the Faculty” means the Faculty of Media and Knowledge Sciences;

“the Postgraduate Diploma” means the Postgraduate Diploma in the relevant area of study; and

“the Principal Regulations” means the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2011 or later.

**Areas of Study**

3. The Board shall offer the Course in areas of study which fall under the competence of the Faculty. It shall announce the areas of study and the mode of study in which they are offered before the beginning of each Course, after the approval of Senate. Applicants shall be required to indicate their choice of area and mode of study at the time of application.

**Requirements for Admission**

4. Subject to the conditions laid down in bye-law 5, the Course shall be open to applicants in possession of one of the following qualifications:

(a) a Bachelor's degree with Honours obtained with Second Class or better in the same area or in a closely related area of study as the area of study applied for; or

(b) the degree of Bachelor in the same area or in a closely related area of study as that applied for, with an average mark of not less than 65% in that area of study, or similar qualifications deemed by the Board relevant to that chosen for the Course; or

(c) a degree from this or another university, which the Board considers as comparable to any of the degrees indicated in paragraphs (a) and (b) of this bye-law.

**Preparatory Programme**

5. (1) Applicants applying in terms of paragraphs (b) and (c) of bye-law 4 may be required to follow a preparatory programme as specified by the Board. The preparatory programme shall include synoptic study-units in the area of study concerned, and may include also study-units which are intended to train students in the competencies required to conduct research work.

(2) During the preparatory programme students shall be required to register for a number of study-units for which a total of not less than thirty and not more than sixty credits are assigned.

(3) Students shall be required to successfully complete the preparatory programme of study with an average mark of 55% or better prior to their registration for the Course.

**Admission to the Course**

6. Applicants wishing to apply for the Degree mainly by research, shall indicate the provisional title for the dissertation on their application for admission. The application shall include a research proposal as well as a statement by the head of department concerned that applicants possess the training, knowledge and capabilities required for the proposed line of study and research.

**Course duration**

7. The Course shall extend over three semesters of full-time study or its equivalent in part-time study.

**Programme of Study**

8. The programme of study for any area of study offered in the Course may be either mainly taught or mainly by research. The Board shall indicate which areas of study may be taken by research only and which by taught and research study-units before the commencement of each Course. It shall also indicate the areas of study offered in the full-time and part-time courses.

9. (1) Mainly taught programmes of study shall comprise taught study-units to which a total of 60 credits are assigned and a dissertation study-unit to which 30 credits are assigned.

(2) Students who obtain the 60 credits assigned to the taught study-units with an average mark of at least 50% and do not proceed with the Course, or having proceeded do not successfully complete the dissertation, shall be eligible for the award of a Postgraduate Diploma in the relevant area of study.

10. Mainly research programmes of study shall comprise taught study-units to which 10 credits are assigned and a dissertation study-unit to which 80 credits are assigned.

11. Programmes of study shall be published by the Board after approval by Senate normally not less than eight months prior to the commencement of the Course.

**Assessment and Progress**

12. (1) The assessment of each taught study-unit shall be completed by the end of the semester in which the teaching of the study-unit is held.

(2) Students following the mainly taught programme of study who in any academic year fail in the assessment of not more than 20 credits, if following the

VERŻJONI ELETTRONIKA



Course on a full-time basis, or not more than 10 credits if following the Course on a part-time basis, shall be given the opportunity to re-sit the failed assessments during the September supplementary examination session.

(3) Students who fail in more than the number of credits permitted under paragraph (2) of this bye-law, or students who after re-assessment fail to obtain the credits for any study-unit, shall be deemed to have failed the Course.

**Dissertations**

13. (1) In mainly taught programmes of study, students shall be required to submit a dissertation of up to a maximum of 25,000 words in accordance with the guidelines issued by the Board.

(2) Work on the dissertation shall be undertaken primarily during the third semester of the Course. Students shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) Students following the mainly taught programme must submit a provisional title for the dissertation and a detailed research proposal to the Board for approval not later than six weeks before the end of the second semester.

**Research Programmes of Study**

14. (1) In programmes of study mainly by research, students shall be required to submit a dissertation of up to a maximum of 50,000 words in accordance with the guidelines issued by the Board.

(2) Work on the dissertation may be undertaken at any time during the Course after approval of the proposal. Students shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) A provisional title for the dissertation and a detailed research proposal shall be re-submitted to the Board for approval after completing the compulsory study-units.

**Supervision of Dissertations**

15. (1) In all cases, students shall be required to have regular contact with their supervisor.

(2) For students following the mainly taught programme, supervisors shall submit to the Board progress reports for each student under their supervision as applicable.

(3) For students following the programme by research, supervisors shall submit to the Board progress reports about the students under their supervision at the end of each semester of studies, whether the student is following the Course on a full-time or a part-time basis.

(4) The reports required in paragraphs (2) and (3) of this bye-law may include a recommendation to either (*a*) extend the period of study in order to enable the student to complete the dissertation; or (*b*) terminate studies prematurely if the supervisor deems this to be proper in the circumstances, provided that:

(i) the extension of the study period referred to in (a) shall be in accordance with the provisions of the Principal Regulations; and

(ii) the Board may not terminate studies prematurely according to (b) until it has first given the student a chance to be heard.

**Classification of Awards**

16. The Final Weighted Average Mark for the purpose of the classification of the Postgraduate Diploma and the Degree shall be based on the results obtained in all the components of the programme of study, all credits being weighted equally.

**Special Provisions for Part-Time Courses**

17. The provisions of the foregoing bye-laws shall apply *mutatis mutandis* to courses followed on a part-time basis, and subject to such changes as may reasonably be deemed by the Board as necessary due to the part-time nature of the Course.

**Repeal**

18. The Bye-Laws of 2010 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Master of Arts – under the auspices of the Centre for Communication Technology, published as Legal Notice 402 of 2010, shall be deemed to cease to be in force as from 1 October 2011, provided that students registered for this course before 1 October 2011 shall continue to be governed by the regulations that were in force at the time of their joining the Course.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.45**